MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Numru. 1040/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bermard Charles Spiteri)**

**vs**

**Charmaine Vella, li ghandha n-numru tal-karta ta' l-identita` 525290(M) ta' 39 sena, bint Charles u Lorraine Margaret nee` Lymbery, imwielda Sydney, Awstralja, nhar it-18 ta' Novembru 1971 u residenti Ta' Marija Appartament, Flat 7. Penthouse, Triq Glormu Cassar, Mosta**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata Charmaine Vella li permezz taghha hija giet akkuzata talli minn gewwa l-istabbiliment li jgib l-isem ta' 'Klikk', li jinsab fi Triq Dun Karm, Birkirkara, nhar l-14 ta' Settembru 2010:

1. Ikkommettiet serq ta' laptop tal-ghamla 'Dell' li l-valur tieghu jaqbez il-mitejn u tlieta u tletin Ewro (€233) izda ma jaqbizx l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Robert Camenzuli.

U aktar talli nhar is-Sibt 9 t'Ottubru 2010 ghall-habta ta' 2.45pm, waqt li kienet fl-Ghassa tal-Pulizija li tinsab fi Triq Zenqa, Naxxar

2. Hija harbet mil-kustodja tal-pulizija.

3. U aktar talli ma' obdietx l-ordnijiet legittimi moghtija lilha minn WPC50 Oriana Spiteri, persuna inkarigata minn servizz pubbliku, jew ma hallietx jew fixklitha waqt li kienet qeghda taghmel dmirijiet taghha, jew b'mod iehor, bla jedd, indahlet fi dmirijietha billi ma hallietx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi kien ordnat li jghamel, jew billi gabet fix-xejn jew hassret dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor u dan bi ksur tal-artikolu 338(ee) tal-kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

4. U aktar talli rrendiet ruhha recidiva ai termini tal-artikoli 49, 50, 51 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, billi kienet giet misjuba hatja b'sentenzi tal-Qorti ta' Malta li saru definittivi u ghaldaqstant ma jistghux jinbidlu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tat-8 ta' Novembru, 2010, sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti;.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatha zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmulha mill-imputata u l-fatt illi r-res furtva giet ritornata fl-istat pristin taghha. Il-Qorti madanakollu ma tistax tinjora l-fedina penali tal-imputata u l-fatt illi ghalkemm l-imputata ilha snin fil-vizzju tad-droga ma gharfitx telgheb dan il-vizzju u tohrog mit-triq tad-delinkwenza. Madanakollu ai fini tar-recidiva il-Qorti ser tapplika biss l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 biss u dana peress illi s-sentenza esebita mill-prosekuzzjoni tirrisali ghas-sena 2003 u l-akkuza ma kienitx titratta dwar is-serq.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c), 267, 279(a), 151, 338(ee), 17(b)(d) u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta issib lill-imputata hatja ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ghall-perjodu ta’ sitt (6) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------